

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' April 2022 – Planistat Europe u Charlot vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-735/20) <sup>(1)</sup>

*(“Responsabbiltà mhux kuntrattwali – Kawża ‘Eurostat’ – Investigazzjoni esterna tal-OLAF – Trażmissjoni lil awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali ta’ informazzjoni relattiva għal fatti suġġetti għal proċeduri kriminali qabel tmiem l-investigazzjoni – Tressiq ta’ lment mill-Kummissjoni qabel tmiem l-investigazzjoni – Proċedura kriminali nazzjonali – Deċiżjoni definittiva li tikkonstata li ma hemmx lok li jitkomplew il-proċeduri – Nuqqas ta’ ksur ikkaratterizzat suffiċjentement minn regola ta’ dritt li tikkonferixxi drittijiet lill-individwi”)*

(2022/C 244/34)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Planistat Europe (Pariġi, Franza), Hervé-Patric Charlot (Pariġi) (rappreżentant: F. Martin Laprade, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Baquero Cruz u F. Blanc, aġenti)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħhom abbażi tal-Artikolu 268 TFUE, ir-rikorrenti jitolbu kumpens, minn naħa, għad-dannu morali li H.-P. Charlot allegatament sofra minħabba t-trażmissjoni mill-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (OLAF) lill-awtoritajiet nazzjonali ta’ informazzjoni relattiva għal fatti li jstgħu jingħataw kwalifika kriminali kif ukoll minħabba l-ilment imressaq mill-Kummissjoni Ewropea quddiem l-imsemmija awtoritajiet u, min-naħa l-oħra, għad-dannu materjali li dawn sofrew minħabba x-xoljiment tal-kuntratti konklużi bejn Planistat u l-Kummissjoni.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Planistat Europe u Hervé-Patrick Charlot huma kkundannati għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 53, 15.2.2021.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta’ April 2022 – L-Ungerija vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-57/21) <sup>(1)</sup>

*(“FAEG u FAEŻR – Spejjeż esklużi mill-finanzjament – Obbligu li jiżdiedu l-kontrolli fuq il-post – Artikolu 35 tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) n° 809/2014 – Valur legali tad-dokumenti tax-xogħol tal-Kummissjoni – Modalitajiet ta’ kalkolu taż-żieda tar-rati ta’ kontrolli fuq il-post”)*

(2022/C 244/35)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

**Partijiet**

Rikorrent: L-Ungerija (rappreżentanti: M. Fehér u G. Koós, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Aquilina, A. Sauka u Z. Teleki, aġenti)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fu l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1734 tat-18 ta’ Novembru 2020 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċerta nefqa mġarrba mill-Istati Membri fil-qafas tal-Fond Agrikolu Ewropew ta’ Garanzija (FAEG) u tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 2020, L 390, p. 10), biss sa fejn il-Kummissjoni Ewropea eskcludiet is-somma ta’ EUR 4 334 068,02 tal-ammont ta’ għajjnuna finanzjarja li ngħatat lilha permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew ta’ Garanzija (FAEG) għas-sena finanzjarja 2018 minħabba t-twertiq ta’ numru insuffiċjenti ta’ kontrolli fuq il-post.

**Dispożittiv**

- 1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1734 tat-18 ta' Novembru 2020 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċerta nefqa mġarrba mill-Istati Membri fil-qafas tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 2020, L 390, p. 10), biss sa fejn il-Kummissjoni Ewropea eskludiet is-somma ta' EUR 4 334 068,02 tal-ammont ta' għajjnuna finanzjarja li ngħatat lilha permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) għas-sena finanzjarja 2018 minħabba t-tweqqig ta' numru insuffiċjenti ta' kontrolli fuq il-post, hija annullata.
- 2) Il-Kummissjoni hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

(<sup>1</sup>) ĠU C 88, 15.3.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' April 2022 – Boshab vs Il-Kunsill**

(Kawża T-103/21) (<sup>1</sup>)

*(“Politika estera u ta’ sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fir-rigward tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo – Iffriżar ta’ fondi – Restrizzjoni fil-qasam ta’ ammissjoni fit-territorji tal-Istati Membri – Żamma tal-isem tar-rikorrent fil-lista tal-persuni kkonċernati – Dritt għal smigħ – Prova tal-fondatezza tal-inklużjoni u taż-żamma fil-listi – Żball manifest ta’ evalwazzjoni – Kontinwazzjoni taċ-ċirkustanzi ta’ fatt u ta’ dritt li wasslu għall-adozzjoni tal-miżuri restrittivi”)*

(2022/C 244/36)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

**Rikorrent:** Évariste Boshab (Kinshasa, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo) (rappreżentanti: T. Bontinck, P. De Wolf, A. Guillerme u T. Payan, avukati)

**Konvenut:** Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: S. Lejeune, aġent)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrent jitlob l-annullament, minn naħa, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/2033 tal-10 ta' Diċembru 2020 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU 2020, L 419, p. 30), u, min-naħa l-oħra, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2021 tal-10 ta' Diċembru 2020 li jimplementa l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU 2020, L 419, p. 5), sa fejn dawn l-atti jikkonċernawh.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Évariste Boshab huwa kkundannat għall-ispejjeż.

---

(<sup>1</sup>) ĠU C 128, 12.4.2021.